5 ta' Settembru, 2007

**Interess Ewropew f"dak li qed toffri Malta.**

Ilbieraħ infetħet esebizzjoni ta' ġimgħa mżewqa b'arti, ritratti, ikel, xorb, u mużika Maltija qalb ħafna personalitajiet distinti fil-Parlament Ewropew. Din l-esebizzjoni ġiet organizzata mill-membri Ewro-Parlamentari Simon Busuttil u David Casa u kien hemm preżenti għall-ftuħ tagħha il-Kummissarju Ewropew Joe Borġ u l-Ambaxxatur Malti fi Brussell Richard Cachia Caruana.

Din l-esebizzjoni qed tagħti lill-Parlament Ewropew fi Strasburgu 'toghma' ta' kultura Maltija, u fuq kollox qed tagħmel lil Malta iktar viżibli f'għajnejn ta' min l-iktar jinfluenza d-deċiżjonijiet b'impatt fuq pajjizna. Għal din l-esebizzjoni ġew mistiedna l-Membri Ewro-Parlamentari kollha mis-sebgħa u għoxrin Stat Membru u minn kull grupp politiku. Fost il-mistednin kien hemm ukoll il-Maltin kollha li jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej.

Ġiet mistiedna ukoll delegazzjoni mill-Partit Nazzjonalista (PN). L-Assistent Segretarju Ġenerali tal-PN, Angelito Sciberras, stqarr li *"il-Partit Nazzjonalista huwa sodisfatt immens bl-effett li kellha l-miġja f'Malta tal-Grupp Popolari Ewropew fl-Lulju li għadda u daqshekk ieħor soddisfatt bl-effett li qed tagħmel din l-esebizzjoni, fil-qalba tal-Istituzzjonijiet Ewropej. Il-Partit Nazzjonalista kien minn ta' quddiem biex idaħħal lil Malta fl-Unjoni Ewropeja u issa minn ta' quddiem biex pajjiżna jagħmel suċċess minn din is-sħubija".*

Din hija l-ewwel darba li s-Sessjoni Plenarja tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu qed tingħata xejra Maltija, u dan grazzi għal ħidma intensiva tar-rapprezentanti Maltin Dr Simon Busuttil u s-sur David Casa fi ħdan l-akbar grupp fil-Parlament Ewropew.

Għal aktar informazzjoni,

David Stellini
Press Advisor, EPP-ED